# <u>TRIBUNAL INDUSTRIJALI</u>

## <u>DECIZJONI Nru. 2612</u>

**Kaz Nru. 3502/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**
**bejn**
**Mark Trapani (ID 021891(M)**
**u**
**Sara Grech Ltd.(C7360)**
***(dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta).***

### <u>Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).</u>

**Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjonijiet tar-rikorrent Mark Trapani, li gie pprezentat fir-registru tal-Qorti fl'14 ta' Ottubru, 2016. Matul is-smiegh tal-Kaz, ir-rikorrent kien assistit mill-Avukati Paul Gonzi u mill-Avv Thomas Bugeja u ghas-socjeta ntimata dehret Ms Sara Grech li kienet assistita mill-Avv. Nicole Briffa u mill-Avv. Krista Ellul.**

**Fl'istqarrija tal-Kaz ir-rikorrent jghid, li minn Settembru, 2015 u fid-dawl tal-kapacitajiet u l-prestazzjoni kien gie promos ghal grad ta' Marketing manager wara li kien ilu jahdem mas-socjeta mill-2013 u gie**

**moghti salarju ghat-total ta' €36,000 fis-sena u dan apparti li setgha jippartecipa fi skema ta' bonus.**

**Huwa jghid ukoll, li minn mindhu dahal f'din il-kariga hadem u stinka biex jaghti prestazzjoni mill-aqwa bl'ghan, li jkabbar l-operat tal-kumpanija u dan apparti l-fatt li matul dan iz-zmien dejjem inghata feedback tajjeb dwar ix-xoghol li kien qed jghamel. Huwa jghid ukoll, li dan jidher car u bil-miktub f'diversi emails fejn Benjamin Tabone Grech li huwa wiehed mill-amministraturi tal-Kumpanija ntimata, kif ukoll minn Sara Grech li hija CEO tal-Kumpanija li rringrazzjawh fejn jghidu "for all (your) hard work' for (your) contribution" u sahansitra jghidu li qalu lillhu "we look forward to the months ahead". Huwa jghid ukoll, li dan baqa ghaddej sax-xhur ta' Settembru stess, meta f'email datata 2 ta' Settembru, 2016 is-Sur Tabone Grech qal lir-rikorrent "Thank you for your hard work".**

**Ir-rikorrent jghid ukoll fl'istqarrija tal-kaz tieghu li fit-3 ta' Settembru, 2016 minghajr ebda preavviz u habta u sabta, huwa gie nnotifikat minn Benjamin Tabone Grech, li l-paga tieghu kienet ser tigi mnaqqsa b'mod immedjat ghall ammont ta' €23,000 fis-sena u r-raguni li giet moghtija lilhu kienet ghax skond Grech il-prestazzjoni tieghu ma kienitx tal-livell mixtieq.**

**Huwa jkompli jghid fl'istqarrija tal-kaz tieghu li fil-5 ta' Settembru, 2016 huwa bghat email lill-istess Tabone Grech fejn talbu sabiex jerga jirrikonsidra u jirtira d-decizjoni unilaterali li ghalih kienet giet bhal sajjetta fil-bnazzi. Huwa jghid ukoll, li qatt qabel ma kien inghata hjiel li l-kumpanija kienet dissodisfatta bl'agir tieghu fir-rwol ta' Marketing manager, anzi pjuttost bil-kuntrarju ghar-raguni li huwa kien jircievi regolarment feedback pozittiv.**

**Fl'istqarrija tieghu huwa jghid ukoll li fis-6 ta' Settembru, 2016 huwa rcieva risposta b'email minghand ic-CEO tal-kumpanija, fejn hija nnotifikat lir-rikorrent li d-decizjoni kienet diga mehuda u qaltlu "I am not planning. I have made my decision" huwa jghid ukoll, li d-decizjoni kienet mehuda biex titnaqqas l-paga tieghu b'aktar minn terz u dan a bazi ta' kif intqal lilhu "lack of leadership and my negative feedback".**

**Fl'istqarrija tieghu r-rikorrent jghid ukoll, li dakinhar stess irrisponda u bghat email lil Sara Grech fejn huwa jghid li qallha, li qatt ma nghata KPI's jew Targets li ma rnexxilux jilhaq, u anqas ma kien inghata xi warning ghal nuqqas ta' prestazzjoni jew nuqqasijiet ohrajn fuq il-post ta-xoghol. Huwa jghid ukoll, li wera d-dizappunt tieghu u nforma lill Sara Grech li huwa qatt ma seta' jaccetta tnaqqis fil-paga tieghu b'dan il-mod u li jekk il-kumpanija ma tirrimedjax is-sitwazzjon ingusta, degradanti u llecieta hu ma kien ikollu l-ebda triq ohra hlief li jirrezenja kontra x-xewqa tieghu.**

**Huwa jghid ukoll, li kien ircieva risposta minghand Sara Grech li akkuzatu li kien qed jattakaha u jheddidha u li a bazi ta' dan kollu u tal-imsemmija allegazzjoni ta' nuqqas ta' prestazzjoni, hija ma kienitx ha terga tirrikonsidra d-decizjoni taghha.**

**Fl'istqarrija tieghu huwa jghid ukoll, li f'dawn ic-cirkostanzi wiehed jista japprezza kif hu bhala mpjegat hassu mbuttat kompletament mill-kumpanija, u dan abbazi li l-ewwel bid-decizjoni unilaterali s-socjeta ntimata li naqqsietlu l-paga u kif ukoll bin-nuqqas ta' ragunijet sostanzjali biex tigi gustifakata d-decizjoni li giet mehuda fil-konfront tieghu. Huwa jghid ukoll, li bid-decizjoni li hadet is-socjeta huwa hassu li riedet tehles minnhu bil-pulit.**

**Ir-rikorrent jghid ukoll fl'istqarrija tieghu, li d-decizjoni tas-socjeta li tnaqqas il-paga tieghu kienet bi ksur tal-kuntratt tax-xoghol u hija wkoll bi ksur tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta fejn Artikolu 15(1) jipprojbixxi lil min ihaddem milli jaghmel tnaqqis tal-paga tal-impjegat. Huwa jghid ukoll, li rifaccat b'din is-sitwazzjoni fejn s-socjeta ma wriet l-ebda volonta li tirrikonsidra d-decizjoni taghha, huwa bghat ittra ta' rizenja sforzata fejn spjega lill Grech, li s-socjeta ma hallietlu l-ebda ghazla ohra hlief li jirrezenja u jitlaq l-impjieg tieghu minn mas-socjeta.**

**Fl'istqarrija tieghu huwa jghid ukoll, li ghalhekk qed jitlob li dan it-Tribunal Industrijali jiddikjara :-**

1) **Li bl-agir taghha kif susepost is-socjeta ma halliet lir-rikorrent l-ebda ghazla ohra hlief li jirrezenja, b'dan kollu jammonta ghal terminazzjoni sforzata u**
2) **Jiddikjara illi bl'agir taghha kif suespost is-socjeta agixxiet bi ksur tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward ta' tnaqqis mill-paga; u**
3) **Jiddikjara illi bl-agir kif suepost is-socjeta ntimata agixxiet bi ksur tal-kuntratt t'impjieg mieghu;**
4) **Tikkundanna lis-socjeta ntimata thallas kumpens dovut lilhu ai termini tal-kap 452;**
5) **Tordna lis-socjeta ntimata thallas il-kumpens.**

**Ghas-socjeta ntimata da parti taghha qalet, li r-rikorrent irrezenja mill-impjieg tieghu minn jeddu u volontarjament nhar is-sebgha ta' Settembru, 2016 permezz ta' ittra elettronika li bghat lill management ta' Sara Grech Limited. Is-socjeta tghid ukoll fl'istqarrija tal-kaz, li l-agenzija Jobs Plus giet notifikata bit-terminazzjoni volontarja tal-impjieg tar-rikorrent u r-raguni li nghatat kienet "Formal resignation" liema raguni ma hiex qieghda tigi kkontestata mir-rikorrent. Is-socjeta tghid ukoll, li din giet accettata minn JobsPlus.**

**Is-Socjeta fl'istqarrija tal-kaz tghid ukoll, li kif ser jigi spjegat u ppruvat waqt is-smigh ta' din il-kwistjoni tax-xoghol, ir-rizenja volontarja tar-rikorrent sehhet wara li huwa gie mwissi ghal diversi drabi li ma kienx qieghed jirrispetta l-kuntratt tax-xoghol tieghu u jaqdi dmirijiet ta' Marketing manager kif mistenni minnhu mid-dirigenti tal-Kumpanija.**

**Is-socjeta tghid ukoll li wara kollox, il-kariga manigerjali li kellu r-rikorrent kienet tirrikjedi li jagixxi b'responsabbilita, li jiggwida team mdaqqas ta' mpjegati u agenti immobiljari li jahdmu mal-istess socjeta, illi jaqdi dmirijietu u l-funzjonijet tal-kariga tieghu fi skadenzi stretti u li jsegwi marketing plan miftiehem mid-dirigenza tas-socjeta. Is-socjeta tghid li fil-qosor, il-kariga ta' Marketing manager hija funzjoni fundamentali ghal socjeta tax-xorta ta' Sara Grech Limited, li topera f'suq karetterizzat minn kompetizzjoni feroci u fejn il-klijenti saru bil-wisq esigenti. Is-socjeta tghid ukoll, li hafna mpjegati u agenti immobiljari kellhom jiddependu fuq il-kariga ta' marketing manager sabiex jaqdu l-funzjonijiet taghhom skont l-obbligi kuntrattwali rispettivi taghhom.**

**Fl'istqarrija taghha is-socjeta tghid ukoll, li r-rikorrent kien qieghed repetutament jonqos milli jaqdi dawn il-funzjonijiet a skapitu tas-socjeta u dan minkejja s-salarju sostanzjali li kien qieghed jaqla. Is-socjeta tghid ukoll, li f'numru ta' okkazjonijiet kemm Benjamin Grech,**

**li hu l-Managaing director, kif ukoll Sara Tabone Grech li hija is-CEO/President tas-socjeta widdbu lir-rikorrent li l-aspettattivi tas-socjeta ma kienux qed jintlahqu u dan kif se jigi ppruvat fis-smigh tal-kwistjoni tax-xoghol**

**Is-socjeta fl'istqarrija tal-kaz taghha tghid ukoll, li r-rikorrent beda jgib ruhu hazin fuq ix-xoghol u addotta attitudni li bdiet tisfratta lill-kollegi tieghu. Is-socjeta tghid ukoll, li ghamlitha cara li dan kien agir mhux accettabli minn impjegat b'kariga u b'remunerazzjoni bhal tieghu.**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta tghid ukoll, li ma kienitx biss id-dirigenza tas-socjeta li nnutat b'dan l-agir tant u hekk, illi l-feedback li kienet tircievi d-diregenza minghand l-impjegati u l-agenti mmobiljari ta' l-istess socjeta kien konformi ma dak tad-dirigenza. Is-socjeta tghid ukoll, li hija dejjem agixxiet bl-akbar rispett versu r-rikorrent tant u hekk, illi meta dan izzewweg u talab illi jigi anticipat il-vacation leave tieghu ghas-sena ta' wara sabiex jkollu bizzejjed hin frank biex jivvjaggja fuq il-honeymoon, is-socjeta ma sabet l-ebda diffikulta ghat-talba tieghu. Huma jghidu ukoll li kienu konvinti, li kienu jezistu l-resupposti kollha sabiex ir-rikorrent jitkecca mill-impjieg tieghu ghal kawza gusta, izda is-socjeta tghid li minflok dahlet f'diskussjonijiet mar-rikorrent sabiex jigu aggustati l-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu u din kienet tinkludi aggustament fis-salarju tieghu li kien jirrispekkja b'mod aktar gust il-kontribuzzjoni li kien qieghed jaghti lis-socjeta.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li bhal sajjeta fil-bnazzi r-rikorrent iddecieda illi jirrizenja mill-impjieg tieghu u dan ghamlu assolutament minn jeddu u volontarjament. Is-socjeta tghid ukoll, li wara r-rispett kollu li wrietu matul l-impjieg tieghu tinstab sorpriza hafna li r-rikorrent fetah dawn il-proceduri quddiem dan it-Tribunal Industrijali u dan wara li s-socjeta uriet hniena mieghu u flok kecciet lir-rikorrent mill-impieg, li kif inhi konvinta li kellha kull ragun taghmel skont il-ligi u d-decizjonijiet precedenti ta' dan it-Tribunal ppruvat zzommu fl'impjieg tieghu biss b'kundizzjonijiet aktar ekwi u gusti.**

**Is-socjeta tghalaq l-istqarrija tal-kaz taghha fejn tghid, li r-rikorrent thallas il-paga tieghu sa l-ahhar gurnata tax-xoghol u tghid ukoll, li qed tigbed l-attenzjoni tat-Tribunal li r-rikorrent ma hadimx in-notice period tieghu ta' erba gimghat wara li abbanduna x-xoghol tieghu u tirrizerva d-dritt li jirkupraw l-ammonti dovuti lis-socjeta.**

**Mill-provi jirrizulta li f'Settembru, 2015 ir-rikorrent kien gie promoss ghal grad ta' Marketing manager b'salarju ta' €36,000. Mill-provi jirrizulta wkoll, li huwa kien ilu jokkupa din il-kariga ghal madwar 11 il-xahar meta l-management tas-socjeta infurmathu li kien se jigi mnaqqas is-salarju tieghu ghal €23,000 u dan peress li l-performance tieghu ma kienitx kif mixtieqa.**

**Is-socjeta tghid ukoll waqt il-provi quddiem it-Tribunal Industrijali, li kien hemm aspetti ohra li ma kienitx sodisfatta bid-deportament tar-rikorrent fosthom; li huwa ma kienx jahdem sieghat zejda u kellu problemi mat-team tieghu. Is-Socjeta tghid ukoll li kien hemm kaz iehor tar-rikorrent fejn ghamel zball fuq banner li sewa lil kumpanija eluf ta' ewro.**

**Waqt il-provi quddiem it-Tribunal Industrijali s-socjeta tghid ukoll, li kien ghal dawn ir-ragunijiet li kienet iddecidiet li tghamel demotion lir-rikorrent u jerga jmur fix-xoghol li kellu qabel ma gie promos bis-salarju li kellu ta' €23,000 fis-sena.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll li matul il-perjodu li r-rikorrent dam fix-xoghol ta' Marketing manager, ma kull payslip li kien jircievi huwa kien jigi moghti rikonoxximent ta' ringrazzjament ghax-xoghol li kien qed jghamel u dan baqa jinghad mis-socjeta sa meta rcieva s-salarju ta' Awissu, 2016 u l-pay slip kienet datata 2 ta' Settembru, 2016. Dwar dan is-Socjeta qalet, li din kienet fis-sistema tal-computer u kienet tohrog fuq il-payslip tal-pagi awtomatikament.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li wara li r-rikorrent rcieva s-salarju tat-2 ta' Settembru, hu gie nfurmat li kien se jitnaqqaslu s-salarju bi tlettax il-**

**elf ewro u b'reazzjoni ghal din id-decizjoni huwa kiteb lill-management permezz ta' email datata 5 ta' Settembru, 2016 fejn pprotesta ghad-decizjoni li ha l-management u qallu ukoll, li matul il-perjodu li kien ilu jokkupa l-kariga ta' Marketing manager, mhux talli qatt ma kien gie nfurmat li l-performance tieghu ma kienitx tajba, izda l-management kien fahhru ghal performance tieghu.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li minn naha tal-management informa lir-rikorrent li ma kienx bi hsiebu jirrevedi l-pozizzjoni tieghu u b'rizultat ta' dan ir-rikorrent ddecieda li fis-7 ta' Settembru, 2016 jinforma lill management li minhabba din id-decizjoni huwa kien qed jigi sfurzat li jirrezenja mill-impieg.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li wara li bghat ir-rizenja tieghu kien hemm diversi skambji bejn l-assistenza legali tieghu u l-management. Mill-provi jirrizulta wkoll, li kien hemm diversi proposti fosthom li jkun hemm settlement bejn il-partijiet kif ukoll, li eventwalment anke l-kumpanija irtirat d-decizjoni li kienet hadet li tnaqqas s-salarju tieghu.**

**Waqt il-provi r-rikorrrent spjega, li ma setghax jaccetta l-proposta tal-kumpanija ghar-raguni li kienu tefawh fi stat ta' insigurta meta kienu ddecidew li minghajr ebda raguni valida jnaqqsulu b'mod drastiku s-salarju tieghu u ghaldaqstant huwa jghid li ma setghax jassigura li din**

**ma setghatx terga tigri u jispicca jahdem fi stat ta' incertezza u insigurta. Huwa jghid ukoll, li ghandhu familja u ried li jkollu mohhu mistrieh li ma jigix fl'istess stat ta' incertezza li kienu poggewh fih il-kumpanija.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-kaz inkwestjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa d-decizjoni tas-socjeta li tghati demotion lir-rikorrent u tnaqqas is-salarju tieghu minn €36,000 ghal €23,000 fuq ragunijiet ta' performance u attitudini tieghu.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jezamina din id-decizjoni tas-socjeta, dan it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li din id-decizjoni kienet timplika li s-socjeta kienet qed tezegwixxi passi dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrent. F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li din d-decizjoni li giet mehuda mill-management tal-kumpanija kien wara hdax il-xahar li r-rikorrent kien ilu jokkupa l-kariga ta' Marketing manager u kif jirrizulta mill-provi huwa qatt ma gie mwissi formalment dwar in-nuqqasijiet tieghu. Ma dan, mill-payslips ta' kull xahar tal-perjodu ta' hdax il-xahar, ir-rikorrent gie moghti feedback pozittiv mill-management u dan baqa jsir sa l-ahhar pay slip ta' Settembru li kien rcieva sa ftit jiem qabel mal-management kien informah bid-decizjoni li kien se jghatih demotion u jnaqqaslu s-salarju tieghu.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jirrimarka wkoll fuq l-ispjegazzjoni li ta' l-management, li r-rimarka fuq il-pay slip kienet tigi ggenerata b'mod awtomatiku. It-Tribunal Inudustrijali ma jistghax jaccetta din ir-rimarka tal-management ghar-raguni, li jekk dikjarazzjoni ta' din ix-xorta tkun awtomatika jintilef l-iskop ta' l-ghan taghha dak li jigi apprezzat ix-xoghol tal-haddiema biex tkompli timmotivhom fix-xoghol taghhom.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li l-management kien iddecieda li r-rikorrent kellu nuqqasijiet serji qabel ma ta' l-opportunita lir-rikorrent li jiddefendi l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tieghu u minghajr ma nghata opportunita xierqa li jiddefendi l-kaz tieghu.**

**F'diversi okkazzjonijiet dan it-Tribunal Industrijali kemm il-darba sahaq, li meta jkun hemm kaz ta' dixxiplina fil-konfront ta' l-impjegat u jkun jirrikjedi li jittiehdu passi dixxiplinarji, min ihaddem ghandu jinforma lill impjegat bil-miktub x'kienu n-nuqqasijiet tieghu, jghatih l-opportunita li jiddefendi l-alleggazzjonijiet li jkunu qed isiru fil-konfront tieghu, biex b'hekk il-haddiem ikun f'qaghda li jiddefendi l-kaz tieghu. Il-haddiem ghandu wkoll jigi moghti l-opportunita li jiddefendi l-kaz tieghu, anke jekk ikun irid li jkollu l-assistenza ta' persuna ta' l-ghazla tieghu.**

**Mill-provi li gew imressqa quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li fl'ebda stadju l-principal ma ta' l-opportunita lir-rikorrent li b'mod xieraq jiddefendi l-allegazzjonijiet li kienu qed isiru fil-konfront tieghu u l-management iddecieda li jiehu passi dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrent minghajr ma tah l-opportunita li b'modd xieraq jiddefendi l-Kaz tieghu.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li anke meta r-rikorrent kiteb lill-management li ma kienx qed ihossu li kien qed jigi ttrattat b'mod gust u appella biex tigi kkunsidrata d-decizjoni tal-management, l-istess management lanqas hass li kellu jiltaqgha b'mod formali mar-rikorrent biex jiddiskuti l-qaghda tieghu, izda baqa adamanti li kien se jimplimenta d-decizjoni tieghu.**

**Ghaldaqstant, meta t-Tribunal Industrijali jikkunsidra dawn l-aspetti kollha tal-kaz jifhem ir-raguni li r-rikorrent informa lil management li ma hallilux triq ohra ghajr li jirrezenja mill-impieg u nforma lill-management ukoll li r-rizenja tieghu ghandha titqies bhala rizenja sfurzata.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll dak li rrizulta mill-provi, li wara li sehhew dawn l-avvenimenti kollha l-**

**management kien dispost li ma jimplimentax id-decizjoni tieghu liema offerta saret wara li r-rikorrent kien diga rrezenja. It-Tribunal Industrijali jifehm ir-raguni li r-rikorrent ma accettax il-proposta tal-management u li dan hassu ddizappuntat kif gie ttrattat u beza li din l-attitudni tal-management setghet tirrepeti fil-futur u ghaldaqstant hassu li kien se jkun insigur fuq il-post tax-xoghol u ma kienx se jahdem b'certa tranquilita.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet, isib u jasal ghal konkluzjoni li l-imgieba u l-attitudni tal-management ma kienitx korretta u l-management mexa b'mod ingust mar-rikorrent u ghaldaqstant dan it-Tribunal Industrijali jasal ghal konkluzjoni, li dan il-kaz ghandu jitqies li r-rizenja tar-rikorrent hija rizenja sfurzata mill-impjieg.**

**It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li r-rikorrent ghandu jithallas kumpens minghand Sara Grech Limited (C7360) ta' €7,500 (sebgha t'telef u hames mitt ewro) liema kumpens ghandu jithallas fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-Decizjoni.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**

**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**

**A/Segretarja**

**Illum : 24 ta' Settembru, 2019**